MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 1781/2001/1

**Fiorino d'Oro Co. Ltd**

**v.**

**Direttur tat-Toroq**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell tad-Direttur tat-Toroq kemm mid-digriet moghti mill-Prim Awla (fil-kawza fl-ismijiet premessi) fit-8

ta’ Frar 2002, kif ukoll mis-sentenza finali tas-16 ta’ Jannar 2003 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-konvenut. Din il-Qorti sejra l-ewwel nett tibda billi tirriproduci s-sentenza appellata fl-intier taghha, u dan peress li minnha jemergu car x’kienu t-talbiet attrici u l-premessi ghalihom, l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u l-motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel sabiex tiddeciedi kif effettivament iddecidiet:

**“Il-Qorti,**

“Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta` attrici fit-13 ta’ Novembru, 2001, li biha wara li ppremettiet illi is-socjeta` attrici hija inkwilina u minn hemm tiggestixxi *restaurant* jismu Fiorino d’Oro, li jinsab f’Naxxar Road, Salina, cioe` taht ‘l hekk imsejjha Lancer Hotel, fit-triq li taghti mis-Salina ghat-Telgha ta’ Alla u Ommu;

“Ippremettiet illi fl-20 ta’ April, 2001, il-konvenut jew min ghalih, nieda xogholijiet ta’ thaffir ta’ trinek fit-triq imsemmija sabiex jghaddu minnhom is-servizzi u utilitajiet;
“Ippremettiet illi s-socjeta` attrici giet mgharrfa mill-kuntrattur imqabbad mill-konvenut illi x-xogholijiet sejrin idumu bejn sena u nofs u sentejn, sabiex jigu terminati;

“Ippremettiet illi x-xogholijiet qed jigu esegwiti minn tnejn jew tlieta min-nies li jispjega r-raguni ghal dan id-dewmien kollu, oltre ragunijiet ohra fil-mod kif gie ippjanat u esegwit ix-xoghol, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

“Ippremettiet illi s-socjeta` attrici tirrikonoxxi illi hi fid-dmir illi tissaporti li jsiru xogholijiet fl-interess pubbliku, izda min-naha l-ohra l-konvenut obbligat jassigura ruhu u jaghmel minn kollox sabiex johloq l-inqas hsara possibli lic-cittadin fit-twettieq tal-istess xogholijiet;

“Ippremettiet ili f’dan il-kaz, b’xoghol ta’ dan il-kobor u importanza, kull ma wiehed isib jahdmu huma tnejn jew l-izjed tlieta min-nies u hija **din** ir-raguni principali l-ghaliex ix-xogholijiet sejrin idumu daqshekk ghaliex dan huwa

xoghol illi jirrikjedi l-impieg ta’ ferm izjed nies u mezzi biex jitlesta fi zmien ragjonevoli;

“Ippremettiet illi rizultat ta’ dan l-agir, l-atturi soffrew, qed isofru u sejrin isofru danni, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

“Ippremettiet illi minkejja li interpellat permezz ta’ protest ippresentat fl-14 ta’ Settembru, 2001, il-konvenut baqa’ inadempjenti;

“Jghid il-konvenut il-ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur risultat ta’ twettieq ta’ xoghol fl-interess pubbliku b’mod li t-tul ta’ zmien u dewmien fit-twettieq tax-xogholijiet m’huwiex proporzjonat ghall-inkonvenjent u danni li qed jigu irrekati lis-socjeta` attrici;
2. Tillikwida d-danni sofferti;
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati.

“Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

“Rat in-nota ta’ l-ecezzjonijiet imressqa mill-konvenut li biha ecepixxa:

1. Illi preliminarjament ghandu jigi kjamat fil-kawza l-kuntrattur, Carmelo Penza, responsabbli mill-progett fi Triq Naxxar, gewwa s-Salina;
2. Illi subordinatament il-Perit Stewart Azzopardi mhuwiex ir-rapprezentant tal-eccipjent fuq dan il-progett izda huwa l-perit responsabbli mill-progett da parti tal-kuntrattur fuq imsemmi;
3. Illi jezizti access ghall-istabbiliment Trattoria Fiorino d’Oro min-naha tas-Salina u dan ma nghalaqx hlief ghal xi xahar;
4. Illi l-eccipjenti jirrespingi t-talbiet tas-socjeta` attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
5. Illi huwa ma ghandu l-ebda responsabilita` ghad-danni allegati mis-socjeta` attrici;

6. Salv eccezjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

“Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-8 ta’ Frar, 2002, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, fis-sens li cahdet it-talba hemm maghmulha ghall-kjamata fil-kawza ta’ Carmelo Penza;

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat:

“Illi s-socjeta` attrici hadet b’titolu ta’ kera fond fi Triq in-Naxxar, Salina, liema fond haditu biex tiggestixxi, kif fil-fatt qed taghmel, restaurant bl-isem ta’ Fiorino d’Oro. B’kuntratt iffirmat f’Dicembru tas-sena 2000, il-Gvern, tramite d-Direttur tat-Toroq, iffirma kuntratt ma’ Carmelo Penza biex tigi rrangata l-istess Naxxar Road, liema triq tipprovdi l-uniku access ghar-restaurant in kwistjoni. Dan ix-xoghol, skond it-termini tal-kuntratt, kellu jitlesta fi zmien sena u Carmelo Penza intrabat li jhallas danni f’kaz ta’ dewmien. Ix-xoghol fit-triq ma nbedhiex mill-ewwel izda beda fl-20 ta’ April, 2001, u dan ix-xoghol ghadu sejjer sal-lum. Minhabba dawn ix-xogholijiet, it-triq, u kwindi l-access ghar-restaurant, inghalqet ghal xi zmien, u meta kienet miftuha, kienet kariggabbli f’direzzjoni wahda biss, u t-triq kienet tant imharbta u mimlija zrar u trab, li l-access kien difficli u ta’ skomdu. B’rizultat ta’ dan ir-restaurant tilfet hafna klientela, u n-negozju taghha naqas drastikament. Is-socjeta` attrici qed titlob li tigi kumpensata ghat-telf li garbet b’rizultat ta’ dawn ix-xogholijiet.

“Fil-kuntest ta’ Government Liability, l-ordinament guridiku Malti ma jiktomplax is-sistema, kif adoperata f’certi pajjizi Ewropej, li l-Gvern ghandu dejjem jikkompensa lill-privat ghall-iskomdu li johloqlu fl-esekuzzjoni ta’ progett

flinteress nazzjonali. L-argument f'dawn il-pajjizi hu li jekk, fl-interess tal-poplu in generali, hu mehtieg li jitwettaq progett, dak l-istess poplu (kif rappresentat mill-Gvern) irid jikkumpensa lill-individwi ghal-hsara jew skomdu li dak il-progett, fih innifsu, ikun garrabblu. L-interessi tac-cittadini m'ghandhom isofru qatt pregjudizzju, lanqas minhabba progett ta' interess nazzjonali, u jekk jirrizulta dan il-pregudizzju, irid jigi kumpensat. Ic-cittadin li jitlob kumpens mhux mehtieg juri xi negligenza, traskuragni jew xi forma ta' arbitrarjeta` da parti tal-awtoritajiet tal-Gvern, izda jehtieglu juri biss pregudizzju, u jekk juri dan, ikollu dritt ghall-kumpens, anke jekk il-progett ikun gie esegwiet bid-diligenza kollha necessarja.

"Kif inghad, pajjizna ghadu ma adoperax din is-sistema, u l-kuncett tar-responsabilita` tal-Gvern hi bazata, bhal dik tac-cittadin ordinarju, fuq id-delitt u l-kwazi-delitt kif kontemplat fl-artikolu 1029 *et seq* tal-Kodici Civili. Dan ifisser li l-Gvern biex jista' jinstab responsabbli ghad-danni irid ikun agixxa b'imprudenza, b'negligenza u bla l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ghax diment li "jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu" – artikolu 1030 Kodici Civli. Fil-kawza "Xuereb et vs Micallef et", deciza minn din l-Qorti fit-03 ta' Ottubru, 1953, intqal li "Id-dispozizzjoni tal-ligi li tirrendi responsabili tal-hsara li tigri bi htija ta' min ikun kagun ta' dik il-htija hija generika u ma taghmel ebda eccezzjoni, lanqas ghal-Gvern; u ghalhekk il-Gvern huwa obbligat jaghmel tajjeb ghad-danni fil-kaz li huwa, fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu, johrog mill-gusti limiti u jikkaguna pregjudizzju lit-terzi" (ara ukoll "Apap Bologna vs Borg Olivier", deciza minn din il-Qorti fis-06 ta' Frar, 1958; "Zahra vs Direttur Xogholijiet Pubblici" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-03 ta' Dicembru, 1991; u, aktar, "Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 2001).

"Fil-kaz in kwistjoni, m'hemmx dubbju li jidhol fost il-jeddijiet tal-Gvern, id-dritt, anzi, l-obbligu, li jipprovdi toroq tajbin u adegwati ghall-uzu mic-cittadin u ta' dawk li jigu jzuruna. Dan il-jedd, il-Gvern ghandu dmir iwettqu fl-interess nazzjonali u, jekk l-interess pubbliku jkun hekk

jehtieg, jista’ anke jiehu taht idejh art privata (wara ddebita procedura u l-hlas tal-kumpens kif trid il-ligi) biex minnha jghaddi triq.

“Biex issir it-triq, hemm bzonn necessarjament isiru certi xogholijiet li jiehdu certu zmien u li ftit jew wisq joholqu inkonvenjent lic-cittadin. Dawn ix-xogholijiet, l-awtoritajiet jistghu jaghmluhom jew bin-nies taghhom stess, impjegati mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, jew billi jinghata appalt lill-privat, kif gara f’dan il-kaz.

“Appalt jinghata lill-privat ghax, suppost, il-privat jahdem aktar b’efficenza u speditezza mill-haddiema tal-Gvern, izda, f’dan il-kaz, dan l-iskop ma jidhirx li intlahaq. Mix-xhieda prodotta specjalment dik tal-perit Renato Laferla, jidher mhux biss li x-xoghol qed issir bil-mod hafna, imma lanqas ma hu qed isir sew, tant li, wara l-ewwel xita qawwija tal-istagun xitwi tal-2002, parti mit-triq inqalghet. L-ilment principali tas-socjeta` attrici, jikkoncerna aktar id-dewmien. Il-kuntrattur imqabbad jidher li la ghandu n-nies u lanqas l-apparat biex jahdem. Fuq progett hekk kbir, qed jibghat xi tnejn jew tlett minn nies jahdmu, u hafna drabi, dawn joqoghdu ma jaghmlu xejn u jitlajjaw mat-triq ghax l-imghallem ma jkunx baghatilhom l-materja prima jew ma jkunx assenja magni lil dan il-progett. Jidher li l-kuntrattur, kif spjega l-perit Laferla, qed jipprova jigdem aktar milli jiflah jomghod, u dan peress li hu involut f’progetti kbar ohra u ma jistax jlahhaq, bin-nies u l-ingenji li ghandu, max-xoghol kollu li ha fuq spallejh.

“Hi x’inhi r-raguni, is-socjeta` attrici la tahti ghal dan id-dewmien u lanqas m’ghandha issofri l-konsegwenzi ta’ dan l-agir (jew nuqqas tieghu!). Il-Gvern lanqas ma jista jfarfar ir-responsabilita` billi jghid li ghal dak li gara u qed jigri fl-inhawi hu mhux responsabbli ghax qabbad lill xi hadd iehor iwettaq il-progett. Huwa l-Gvern li ha l-inizjattiva biex tigi rrangata din it-triq (kif inhu dritt u obbligu tieghu) u hu l-Gvern li ghogbu jghaddi dan il-progett f’idejn terzi. Ic-cittadin mhux interessat fil-kondizzjonijiet tal-appalt bejn il-Gvern u l-kuntrattur, ghax hu l-Gvern li, f’ghajnejn il-poplu, hu responsabbli ghat-tiswija u l-*upkeep* tat-toroq principali ta’ Malta. Jekk il-

Gvern, ghogbu, f'dan il-kaz, jaghti l-appalt lill-privat, jibqghalu xorta l-obbligu li jinsisti u jara li l-kuntratt jigi esegwit, u jekk jara li l-kuntratt ma jkunx qed jigi segwit fedelment, li jiehu l-provedimenti opportuni biex jirrimedja s-sitwazzjoni (bhal per ezempju, li jittermina l-appalt u jew iqabbad persuni ohra jew jlesti x-xoghol bil-haddiema tieghu stess).

"Fil-waqt li, f'xogholijiet pubblici, wiehed ghandu jistenna li jkun hemm solidarjeta` socjali, meta l-Gvern jonqos milli jiehu passi rimedjali meta jkun hemm nies qed isofru pregjudizzju akbar milli hu ragjonevolment mehtieg, allura tidhol ir-responsabilita` tieghu.

"Il-Gvern ikun qed jonqos mill-obbligi tieghu jekk, nonostante n-nuqqasijiet evidenti, ihalli kollox ghaddej u ma jiehu ebda passi biex inaqqas l-inkonvenjent li qed isofri l-pubbliku, u partikolarment f'dan il-kaz, is-socjeta` attrici.

"Jista' jkun li l-Gvern rabat lill-kuntrattur bil-penali f'kaz li jkun hemm dewmien fl-esekuzzjoni tal-kuntratt jew li jkun hemm xi ksur iehor tal-kuntratt, pero` il-Gvern m'ghandux jistrieh fuq dan il-penali, izda ghandu jagixxi tempestivament biex inaqqas id-dewmien u jevita aktar inkonvenjent lill min ikun qed isofri l-aktar. Il-pubbliku in generali, u s-socjeta` attrici partikolari, ftit li xejn jinteressaha fil-penali li eventwalment, jista jinkassa l-Gvern, ghax hi xoghol tempestiv u adegwat tippretendi. Kif jinghad fil-ktieb ta' Bell, Boyron and Whittaker, "Pinciples of French Law" (Oxford 1998, pagna 191), fil-kuntest ta' responsabilta` tal-Gvern ghan-nuqqas ta' hadd iehor: "The moment that we could (and should) have done something about the potential risk of injury, then we have responsibility for the outcome which can ground legal liability".

"Anke l-mod kif qed isir ix-xoghol jidher li hu ta' kwalita` inferjuri. Mhux biss, ix-xoghol jidher mhux ta' kwalita` tajba, izda jidher li qed isir bla pjan u struttura, b'mod li l-access ghar-restaurant tas-socjeta` attrici qed ikun kemm-il darba imblokkat jew difficli, b'mod li klijenti prospettivi

jahsbuha darbtejn milli jghaddu minn hemm. Ta’ dan huwa responsabbli ukoll il-Gvern, ghax kien obbligu tieghu jara li, min jidhol ghal dan l-appalt, ikun kapaci u predispost li jesegwixxi l-appalt fit-termini miftiehem u bid-debita attenzjoni u kawtela.

“Il-Gvern, allura, ma jirrizultax li f’dan il-kaz, wettaq il-jeddijiet tieghu “fil-qies li jmiss”, u lanqas ma wera l-hsieb ta’ missier tajjeb ta’ familja u ghal dan in-nuqqas, ghandu jwiegeb ghad-danni.

“Kif inghad, il-Gvern ta’ Malta mhux normalment obbligat li jhallas kumpens ghas-semplici kaz li wettaq progett li rrizulta ta’ pregjudizju ghal xi cittadin, izda ghal meta, fittwettieq ta’ dak il-progett, ikun agixxa bla qies. Kwindi, ghaz-zmien li kien mehtieg biex dan il-progett jitwettaq, il-Gvern mhux tenut ihallas kumpens, ghax fis-sistema taghna, ic-cittadin irid isofri dan it-telf fl-interess tas-solidarjeta` socjali.

“Fil-kaz in ezami, il-progett kien ikkalkulat li jiehu tnax-il(12) xahar biex jigi kompletat u avolja t-triq in kwistjoni hija pjuttost twila, dan kien zmien ragjonevoli biex il-kuntrattur jespleta l-inkarigu tieghu, li kieku impenja ruhu bis-shih fuq il-progett. Ghalhekk, ghal tnax-il xahar wara li gie iffirmat il-kuntratt, is-socjeta` attrici kellha ssofri l-iskomodu tax-xogholijiet, mehtiega, kif kienu fl-interess suprem tal-pajjiz, basta li dawn ix-xogholijiet ikunu saru b’mod diligenti u b’anqas inkonvenjent ghaliha.

“Gheluq dik is-sena, pero`, is-socjeta` attrici kellha dritt tistenna li x-xoghol ikun lest, u mhux ragjonevoli li l-Gvern jippretendi li din tibqa tissaporti n-nuqqassijiet u d-dficjenzi tal-kuntrattur meta hu ma ha ebda passi biex jirrimedja ghal dan.

“Jirrizulta li l-kuntratt ta’ appalt gie iffirmat f’Dicembru tas-sena 2000 u x-xoghol allura kellu jitlesta sal-ahhar tas-sena 2001; ix-xogholijiet li saru wara dik s-sena, u li tkomplew matul l-2002 huma kollha rizultat tan-nuqqasijiet da parti tal-kuntrattur tal-Gvern imqabbad biex jesegwixxi dan il-progett.

“Minn naha l-ohra, pero`, il-fatt li l-kuntrattur ma bediex ix-xoghol tieghu f’Dicembru tas-sena 2000 jew f’Jannar tas-sena ta’ wara, izda beda jahdem f’April tas-sena 2001, wassal biex ghall-ewwel xhur tas-sena 2001, is-socjeta`attrici ma sofrietx tnaqqis fil-qliegh taghha. Kien minn April tas-sena 2001 li l-effett tax-xoghol beda jinhass, u minn dak ix-xahar jidher li n-negozju tas-socjeta` attrici qala’ daqqa ta’ harta kbira. Mix-xhieda tal-accountant tas-socjeta` attrici u d-dokument minnu esebit, jidher car leffett li dawn ix-xogholijiet kellhom fuq in-negozju tar-restaurant, tant li minn bejgh ammontanti ghall-aktar minn LM 47,000 matul is-sena 2000, dan nizel ghal madwar LM 21,500 matul is-sena 2001, meta bdew ix-xogholijiet. Din ix-xejra negattiva baqghet tidher matul is-sena 2002, tant li ma hux progettat li matul din is-sena il-figura tal-bejgh taqbez il-LM 10,000.

“Is-socjeta` attrici, ghalhekk sofriet telf fin-negozju taghha ghall-perjodu ta’ sena u disa` xhur (minn April 2001 sa Dicembru 2002) u dan meta x-xoghol suppost kellu jitlesta fi zmien sena. It-telf li s-socjeta` attrici sofriet, f’dawk l-ahhar disa’ xhur ma jistax jigi gustifikat u huwa kollu imputabili lill-Gvern u l-kuntrattur minnu imqabbad. Ghall-matul l-ewwel sena ta’ operazzjoni, jirrizulta wkoll li ssocjeta` attrici sofriet telf mhux biss minhabba n-natura tax-xogholijiet, izda aktar minhabba l-mod traskurat u xejn professjonali li bih twettaq ix-xoghol; ghal dan it-telf relattiv, il-Gvern irid ukoll jaghmel tajjeb.

“L-accountant tas-socjeta` attrici jipprospetta li matul is-sena 2002, il-kumpanija titlef LM 20,000. Mehud kont, pero`, li t-telf imputabbli lill-awtoritajiet Governattvi huwa limitat ghall-ahhar disa’ xhur tas-sena 2002, it-telf fil-qliegh li ghalih il-konvenut irid jaghmel tajjeb jammonta ghall- LM 15,000.

“Ghar-rigward tal-ewwel sena ta’ hidma, kif inghad il-Gvern irid ihallas kumpens ghat-telf akbar li garbet is-socjeta` attrici rizultat tal-mod hazin ta’ kif kien isir ix-xoghol. Figuri precizi tat-telf li hu rizultat dirett ta’ dan it-tip ta’ xoghol ma jirrizultawx, pero`, mehud kont ix-xejra tan-

negozju, u *arbitrio et boni viri*, din il-Qorti thoss li s-somma ta' LM5,000 ghandha tirrispekja gustament it-telf li sofriet issocjeta` attrici relattat mal-mod kif sar ix-xoghol.

"Dan hu t-telf li l-Gvern irid jaghmel tajjeb f'dan l-istadju; fil-fatt ghandu jigu rizervat id-dritt lis-socjeta` attrici li titlob kumpens ulterjuri jekk ix-xogholijiet in kwistjoni, u kwindi l-pregjudizzju ghaliha, ikomplu matul is-sena 2003 u aktar.

"Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawza billi, previa li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici fil-limiti espressi, tillikwida d-danni li sofriet is-socjeta` attrici fis-somma ta' LM 20,000 (ghoxrin elf lira Maltin), u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' LM 20,000, bl-imghaxijiet legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv; b'rizerva ghad-danni ulterjuri ghal wara Dicembru, 2002.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut"

**L-appell tal-konvenut**

Il-konvenut Direttur tat-Toroq appella minn din is-sentenza. Huwa ressaq diversi aggravji fil-konfront tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Dawn l-aggravji jistghu jigu elenkati hekk:

1. illi l-kjamata in kawza giet michuda ingustament;
2. illi s-sentenza kienet intempestiva;
3. illi "hemm sfond neboluz dwar l-allegati ligijiet barranin";
4. illi li "l-ezercizzju tad-dritt bhala fatt ezimenti ma nghatax l-importanza idonea" (*sic!*);
5. illi "ir-rabtiet kontrattwali gew estizi kontra l-principju tar-relattivita` tal-kuntratti";
6. illi "inghataw danni fl-assenza tal-prova tan-ness ta' kawzalita` u abbazi ta' rpovi ambigwi";
7. illi "inghataw danni anke arbitrarjament";

8. illi "inghataw danni li jmorru oltre l-prezentata tac-citazzjoni"; u
9. illi "inghataw danni minghajr ma gew kunsidrati l-beneficcji illi s-socjeta` attrici se tiehu minhabba x-xogholijiet".

Dawn l-aggravji ser jigu trattati *seriatim*.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**1.** Jibda biex jinghad li din il-kawza hi karatterizzata b'cirkostanza partikolari li, kif ser naraw, necessarjament timpingi fuq hafna mill-aggravji sollevati mill-konvenut appellant. Din ic-cirkostanza tikkonsisti fin-nuqqas ta' interess totali muri mill-konvenut fil-kors tas-smigh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti. Wara li l-konvenut, fit-28 ta' Dicembru 2001, ipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet tieghu kif ukoll id-dikjarazzjoni guramentata (fol. 11 u 12), u wara li huwa kien gie notifikat[1] bis-smigh tal-kawza, il-konvenut ma deher f'ebda udjenza, u anqas deher l-avukat tieghu. Il-kawza nstemghet fuq medda ta' kwazi sena u f'hames seduti (jekk tnehhi l-ewwel udjenza li giet differita kameralment u l-ahhar udjenza li fiha nghatat is-sentenza), u f'dawn il-hames udjenzi – tat-8 ta' Frar 2002, ta' l-1 ta' Marzu 2002, tas-17 ta' Mejju 2002, tal-14 ta' Novembru 2002 u tat-12 ta' Dicembru 2002 – qatt ma deher il-konvenut jew il-legali tieghu. Imkien fir-rikors ta' appell ma hu qed jigi allegat mill-appellant li hu ma kienx gie notifikat bic-citazzjoni u/jew bl-avviz tas-smigh.

**2.** L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta cahdet it-talba tieghu, kontenuta fl-ewwel eccezzjoni, sabiex jigi kjamat fil-kawza il-kuntrattur, Carmelo Penza, li kien responsabbli mill-progett fit-triq in kwistjoni. Fl-udjenza tat-8 ta' Frar 2002, meta giet biex tigi diskussa l-kwistjoni tal-kjamata in kawza ta' l-imsemmi Penza, l-attur oppona din il-kjamata.

[1] Jigi precizat li l-indirizz tal-konvenut moghti mis-socjeta` attrici fic-citazzjoni huwa "Belt is-Sebh, Floriana". Ir-riferta (fol. 8, *tergo*) tindika li din ic-citazzjoni giet notifikata lill-konvenut "fl-indirizz moghti" f'idejn certu Gorg Bonello fit-18 ta' Dicembru 2001. Kif inghad, giet prezentata n-nota ta' eccezzjonijiet fit-28 ta' Dicembru 2001. L-avviz ghas-smigh gie wkoll notifikat fl-istess indirizz u f'idejn l-istess Gorg Bonello fit-18 ta' Dicembru 2001 (fol. 9, *tergo*).

Kif inghad, il-konvenut u l-legali tieghu ma dehrux ghal din l-udjenza. Il-Qorti, wara li allura qieset biss is-sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici, iddecidiet hekk:

**"Billi ma jirrizultax mill-atti tal-kawza fl-istat li huwa fih li l-imsemmi kuntrattur ghandu l-interess guridiku li jiddahhal fil-kawza bhala kontradittur legittimu tat-talbiet attrici, il-Qorti qed tichad it-talba ghas-sejha fil-kawza ta' Carmelo Penza, bla pregudizzju ta' dak li jista' jirrizulta aktar 'l quddiem fil-kawza."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Hu evidenti li dana d-digriet – minnu nnifsu wiehed ta' natura interlokutorja[2] -- halla t-triq miftuha ghal kwalsiasi eventwali digriet f'sens differenti una volta li mill-provi jkun jirrisulta xi haga li turi li d-decizjoni dwar din il-kwistjoni tal-kjamata in kawza ghandha tkun differenti. Issa, kif inhu risaput, skond il-gurisprudenza[3] aktar milli skond il-kliem testwali ta' l-Artikoli 961 u 962 tal-Kap. 12, l-istitut tal-kjamata in kawza jaqdi diversi funzjonijiet procedurali, fosthom u principalment, dik li jintegra l-gudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jigu mharrka u xi whud minnhom jithallew barra, kif jigri, per ezempju, f'kawza ta' divizjoni ta' proprjeta` li gejja minn eredita`; kif ukoll dik li jissalvagwarda d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktarx iggib warajha azzjoni ohra bhala konsegwenza taghha, bhal, per ezempju, jekk l-inkwilin jigi molestat f'kawza proposta minn terza persuna li tirrigwarda l-haga mikrija, fejn il-presenza tas-sid biex jiddefendi kif imiss lill-inkwilin tkun necessarja[4]. Hekk ukoll iservi dana l-istitut biex meta konvenut jissejjah biex jirrispondi ghad-danni kkawzati

---

[2] Ara **Emanuel Abela v. Perit Arkitett Fred Valentino et** Qorti ta' l-Appell, 4 ta' Dicembru 1998.

[3] Ara, *inter alia,* **Maria Concetta Libreri v. Edgar Staines noe** Prim Awla, 29 ta' Ottubru 1935; **Teresa Cilia v. Vincenzo Drago et** Prim Awla, 3 ta' Frar 1960; **Grazia Meilak et v. Salvatore Grech** Prim Awla, 12 ta' Marzu 1964; **Perit Vincent Galea v. *Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u s-Segretarju Amministrattiv** Qorti Kostituzzjonali, 21 ta' Ottubru 1985; **Joseph Riolo pro et noe v. Carmel Muscat et** Qorti ta' l-Appell, 15 ta' Marzu 1991; **Joseph Azzopardi v. Kummissarju tal-Pulizija et** Qorti Kostituzzjonali 29 ta' April 1992; **Jean Depasquale noe v. David Jones** Prim Awla, 4 ta' Mejju 1992; **Vincent Agius pro et noe v. Mario Borg et** Prim Awla, 28 ta' Marzu 2003; u **Joseph u Marianne Bellizzi v. Awtorita` Marittima ta' Malta et** Prim Awla, 30 ta' Mejju 2003.

[4] Artikolu 1553 tal-Kap. 16.

minn reat, huwa jsejjah fil-kawza persuna ohra li kienet komplici mieghu fil-kummissjoni tar-reat u li allura ghandha taqsam mieghu ir-responsabbilta` ghad-danni. Iservi wkoll, f'sens aktar generali, ghal dik li komunement tissejjah "l-ekonomija tal-gudizzju". Inghad ukoll f'diversi gudikati li, meta l-interess tat-terz jigi stabbilit (l-aktar meta l-kjamata fil-kawza tkun qed tintalab mill-attur u meta tali kjamata ma tkunx semplici pretest biex jigi sostitwit konvenut ghal iehor meta l-attur kien jaf, jew messu kien jaf, bl-ezistenza tat-terza persuna fil-mument tal-prezentata tac-citazzjoni) il-kjamata fil-kawza issir "doveruza", i.e. jkun jinkombi fuq il-Qorti li tilqa' t-talba. Terza persuna tista' tigi kjamata fil-kawza anke biex semplicement titfa' dawl fuq il-fatti: *"L'intervento coatto puo` avere un doppio scopo, di rendere cioe` comune il giudizio e la sentenza anche in riguardo al terzo, oppure di chiamarlo ad illuminare la coscienza del magistrato nella ricerca del vero."* [5].

**3.** Dana kollu, pero`, hu preordinat ghall-attivita` ta' min ikun ghamel it-talba ghall-kjamata in kawza, cioe` li min ikun ghamel it-talba isegwiha u jaghmel dak kollu li hu necessarju biex dik l-istess talba jkollha l-ezitu minnu mitlub. Ghalkemm huwa veru li l-kjamata in kawza tista' ssir anke mill-Qorti *marte proprio*, ebda wahda mill-partijiet ma ghandha d-dritt tippretendi li l-Qorti tiehu l-inizjattiva biex tittutela d-drittijiet taghha. In fatti din il-Qorti, diversament komposta[6], fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Abela v. Perit Arkitett Fred Valentino et** [7] kienet esprimiet ruhha hekk:

**"Jekk il-konvenut appellant [li] kellu kull interess li jiddefendi l-jeddijiet tieghu kontra terzi naqas li, b'solerzja doveruza, hekk jaghmel, ma jistax jippretendi illi tkun il-Qorti li thares u tittutela l-interessi tieghu. Hu minnu li l-Qorti tista' wkoll *sua sponte* tordna l-kjamata fil-kawza fil-proceduri**

---

[5] Kassazzjoni ta' Firenze, Coen, Voce 'Intervento in Causa', para. 143, citat b'approvazzjoni fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Maria Concetta Libreri v. Edgar Staines noe** *supra*.
[6] S.T.O. Prim Imhallef Joseph Said Pullicino, u Imhallfin Carmel A. Agius u Joseph D. Camilleri.
[7] Ara nota *in calce* nru 2.

**quddiemha jekk jidhrilha li dan hu mehtieg ghall-integrita` tal-gudizzju jew biex il-meritu jigi epurat fil-konfront tal-partijiet kollha interessati. Tali dritt tal-Qorti, pero`, bl-ebda mod ma ghandu jigi kkunsidrat bhala xi obbligu fuqha illi thares l-interessi tal-kontendenti. Dan ghandhom jaghmluh il-partijiet infushom u fin-nuqqas, min jonqos, jista' biss jinkolpa lilu nnifsu u jbati l-konsegwenzi inevitabbli. Id-dover tal-Qorti hu biss li tassigura l-korrettezza fil-kondotta tal-procedura quddiemha u li taghti l-kontendenti l-opportunita` ta' smigh gust u xieraq biex jiddefendu ruhhom bil-mezzi li ttihom il-ligi fosthom dik ukoll li jitolbu, meta c-cirkostanzi jkunu hekk jiggustifikaw, il-kjamata fil-kawza ta' terzi persuni interessati."**

Dan l-insenjament gie applikat minn din il-Qorti (fil-kompetenza taghha inferjuri), fis-sentenza tas-17 ta' Frar 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Zammit & Cachia Limited v. Hix Limited**, fejn inghad, *inter alia*, hekk:

**"Jidher li s-socjeta` appellanti tirrikonoxxi din is-sitwazzjoni difficli taghha tant li fit-tieni eccezzjoni taghha hija stess tqis li din is-socjeta` estera ghandha tigi kjamata in kawza. Ciononostante baqghet ma ghamlet xejn f'dan ir-rigward jew naqset li tinsisti f'din id-direzzjoni. Ma kienx mistenni li t-talba ssir mis-socjeta` attrici izda kien fl-interess esklussiv taghha li tinsisti fuq dan il-punt. Fis-sentenza fl-ismijiet *Agent Accountant General et v. George Xuereb noe*[8], Appell Kummercjali, 15 ta' Marzu 1991 gie hekk rilevat: *'Il-kjamata in kawza ghandha fost ohrajn il-funzjoni li tkun prezenti t-terza persuna interessata fil-vertenza <u>mhux direttament ma' l-atturi izda mal-konvenut</u> in kwantu dan ta' l-ahhar jista' jdur fuq is-sub-appaltatur ghal kull dannu li jista' jsofri ghaliex ikun dan li fil-konfront tieghu jrid jirrispondi. Il-presenza tas-sub-appaltatur ghalhekk hija utili ghaliex telimina l-possibilita` ta' kumplikazzjonijiet fir-rigward tal-problemi konnessi mal-ezekuzzjoni tax-xoghol –***

[8] Din is-sentenza – **Agent *Accountant General* et v. George Xuereb noe** – jaghmel referenza ghaliha l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu.

***kemm ghaliex il-provi essenzjalment jirrigwardaw l-operat tas-sub-appaltatur li ezegwixxa x-xoghol, u kemm ghaliex dan tal-ahhar ma jkunx, 'il quddiem, jista' jillamenta mal-konvenut li dan ma avanzax difiza valida u efficjenti fil-konfront tal-atturi – b'hekk gie bata huwa.'* Ifisser allura illi jekk is-socjeta` konvenuta naqset li tiddefendi l-posizzjoni u d-drittijiet taghha b'solerzja u insistenza doveruza ma tistax tippretendi imbaghad li l-Qorti ghandha thares u tittutela l-interessi taghha. Ghax kif ragunat ghalkemm *'hu veru li l-Qorti ghandha d-dritt sua sponte tordna l-kjamata izda tali dritt ma jistax jitqies xi obbligu fuqha li thares hi l-interessi tal-kontendenti'* (<u>Emanuel Abela v. Perit Arkitett Fred Valentino et</u>, Appell, 4 ta' Dicembru 1998)."**

**4.** Fil-kaz in dizamina dak li gara kien proprju li, wara li l-ewwel Qorti cahdet it-talba, maghmula fl-ewwel eccezzjoni tieghu, tal-konvenut ghall-kjamata in kawza ta' Carmelo Penza ghax ma kienitx sodisfatta f'dak l-istadju li l-kuntrattur kellu l-interess guridiku mehtieg, pero` kif rajna "bla pregudizzju ta' dak li jista' jirrizulta aktar 'l quddiem fil-kawza", <u>il-konvenut baqa' ma ghamel assolutament xejn biex jittutela l-interessi tieghu f'dan ir-rigward</u>. La saret talba ghal rikonsiderazzjoni skond is-subartikolu (4) tal-Artikolu 229 tal-Kap. 12; la sar appell skond is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu – digriet bhal dak tat-8 ta' Frar 2002 huwa wiehed mill-ftit digrieti interlokutorji li wiehed jista' jappella minnhom qabel ma tinghata s-sentenza finali minghajr il-htiega tal-permess specjali tal-Qorti; la rega' qatt il-konvenut ivventila t-talba mill-gdid, kif kellu kull dritt li jaghmel, wara li kienu bdew jinstemghu il-provi, ghall-kjamata in kawza, anke in vista tat-tieqa li halliet miftuha l-Qorti bil-frazi "bla pregudizzju…ecc"; anzi l-konvenut mar oltre, <u>u anqas biss deher darba, personalment jew permezz ta' l-avukat tieghu, fil-Qorti matul il-kawza kollha</u>! Fic-cirkostanzi u fid-dawl tal-gurisprudenza aktar 'l fuq imsemmija, l-ewwel aggravju ta' l-appellant, riferibbilment ghac-cahda tat-talba ghall-kjamata in kawza ta' Carmelo Penza, qed jigi respint.

**5.** It-tieni aggravju tal-appellant huwa bbazat fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 181B(3) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili:

**“Kull rikors, citazzjoni, jew att gudizzjarju iehor maghmul kontra l-Gvern ghandu jigi notifikat lil kull kap ta’ dipartiment tal-gvern li kontra tieghu ikun dirett u lill-Avukat Generali u kull terminu biex issir risposta jew nota ta’ l-eccezzjonijiet dwar att bhal dak minn kull kap ta’ dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proceduri gudizzjarji <u>ma jibdiex jiddekorri</u> qabel ma l-att jigi notifikat lil kap jew kapijiet ta’ dipartimenti tal-gvern li kontra taghhom ikun dirett <u>u lill-Avukat Generali</u>. In-notifika lill-Avukat Generali ssir bla hlas lir-registratur.”** [9] (sottolinear ta’ din il-Qorti).

**6.** L-appellant qed jippretendi li galadarba ma jirrisultax li l-Avukat Generali gie notifikat bic-citazzjoni – fil-fatt anqas jirrisulta li intalbet tali notifika ta’ l-Avukat Generali – allura l-kawza la setghet tibda tinstema’ u wisq anqas tigi deciza qabel ma ssir tali notifika. Izid josserva li n-notifika tac-citazzjoni lid-Dipartiment tat-Toroq – proprjament lid-Direttur tat-Toroq – intalbet u saret fl-indirizz tad-Dipartiment tax-Xogholijiet f’Belt is-Sebh u mhux fl-indirizz tad-Dipartiment tat-Toroq f’Sa Maison Road.

**7.** Dwar il-kwistjoni tan-notifika, din il-Qorti diga` osservat fil-paragrafu numru **1** *supra* kif ukoll fin-nota *in calce* nru 1, li l-appellant mhux jilmenta li hu ma giex notifikat – qed ighid semplicement li gie notifikat f’indirizz u mhux f’iehor. Kif inghad, ir-riferti kemm tan-notifika tac-citazzjoni kif ukoll tal-avviz tas-smigh juru li dawn gew notifikati fl-istess gurnata u f’idejn l-istess persuna – Gorg Bonello – u li in segwitu id-Direttur tat-Toroq ippresenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet kif ukoll halef id-dikjarazzjoni a fol. 12 ta’ l-atti. Issa l-iskop tas-subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 181B imsemmi kien sabiex jipprevjeni s-sitwazzjoni imbarazzanti li kienet qed tirrikorri ta’ spiss f’certi dipartimenti tal-gvern li kap ta’ dipartiment li jkun gie

[9] Id-disposizzjoni qed tigi hawn kwotata kif kienet qabel l-emendi introdotti recentement bl-Att XXII tal-2005.

notifikat – hafna drabi f'idejn wiehed mis-subalterni tieghu – jispicca kontumaci minhabba tarskuragni, jew tieghu jew tas-subalterni tieghu, ghax ma jippresentax in-nota tal-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentata fit-terminu stabbilit. Il-legislatur deherlu li kien hemm anqas probabbilita` li lill-Avukat Generali jaqbizlu dan it-terminu, u konsegwentement ipprovda li (f'dan il-kaz) ic-citazzjoni ghandha tigi notifikata ukoll lill-imsemmi Avukat Generali u li t-terminu ghan-nota ta' l-eccezzjonijiet ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-istess Avukat Generali ikun gie hekk notifikat. Pero` fil-kaz in dizamina in-nota ta' l-eccezzjonijiet (bid-dikjarazzjoni guramentata maghha) giet presentata mid-Direttur tat-Toroq u, di piu`, entro t-terminu stabbilit. L-iskop, ghalhekk, tad-disposizzjoni in ezami ntlahaq proprju bil-presentata ta' dik in-nota, u l-appellant ma jistax jippretendi li t-terminu jibqa' sospiz indefinittivament sakemm jigi notifikat l-Avukat Generali li ma hux parti fil-kawza. Appena giet presentata dik in-nota, il-proceduri bil-miktub preliminari nghalqu (Art. 158(12), Kap. 12). Kienet tkun, naturalment, differenti s-sitwazzjoni li kieku c-citazzjoni ma gietx preceduta b'ittra ufficjali jew protest u ma thallux jghaddu l-ghaxart ijiem kif jipprovdi l-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 – pero` l-ilment ta' l-appellant mhux ibbazat fuq l-Artikolu 460(1). Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-appellant li s-sentenza moghtija kienet b'xi mod intempestiva jew affetta minn xi nullita` jew inkompetenza "ratione temporis". Konsegwentement dana l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.

**8.** It-tielet aggravju ta' l-appellant, minnu intestat "Sfond nebuluz dwar allegati ligijiet barranin", jirrigwarda xi kummenti *obiter* li l-ewwel Qorti ghamlet fil-kors tas-sentenza taghha fir-rigward tal-posizzjoni legali ezistenti f'xi pajjizi Ewropej, inkluza Franza. Frankament din il-Qorti tara li dana l-aggravju huwa biss ezercizzju akkademiku li l-appellant ghazel li jaghmel semplicement biex jipprova jikkonvinci lil din il-Qorti li l-ewwel Qorti bdiet minn premessa zbaljata – il-premessa li s-sistema legali taghna in materja ta' danni kagunati mill-operat tal-Gvern hija intrinsikament ingusta u timmerita revizjoni. L-appellant stess, in fatti, jammetti li dan is-suppost aggravju ma hux verament tali ghax huwa rrelevanti ghall-meritu tal-

vertenza: *"L-esponent qieghed igib dan quddiem dina l-Qorti* *m'hux ghax huwa strettament relevanti ghal din il-kawza x'isir go pajjizi ohra* *(ghad illi l-aspett internazzjonali ta' l-izvilupp tad-dritt qatt ma huwa injorabbli) izda ghax huwa relevanti ghal dana l-appell illi l-Qorti tapprezza illi l-ezami tal-kawza odjerna fil-Prim Istanza, bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, tpogga mill-ewwel fi sfond li jpingi s-sistema ta' dritt Malti bhala wiehed intrinsikament ingust u primittiv u li, prezumibbilment, ghandu jigi radrizzat, meta dan l-isfond qatt ma jmissu gie introdott m'huwiex giust jew relevanti* (sic!)*"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Galadarba l-istess appellant jammetti li dak li jsir f'pajjizi ohra ma huwiex strettament relevanti ghall-meritu ta' dana l-appell, din il-Qorti ma tarax l-utilita` li tapprofondixxi aktar dwar dana l-aggravju, anke biex ma taqax fin-nasba – li l-appellant donnu qed jghid li waqghet l-ewwel Qorti – li tikkummenta dwar il-gustizzja jew ingustizzja intrinsika tad-dritt Malti in tema tar-risarciment ta' danni kagunati mill-operat tal-Gvern u dwar il-*working practices* jew *malpractices* tal-Gvern fejn tidhol l-ezekuzzjoni ta' xogholijiet pubblici – ghalkemm din il-Qorti trid taghmilha cara li kull Qorti ghandha d-dritt li taghmel tali kummenti jekk hija thoss li jkun mehtieg ghall-finijiet tal-gustizzja u *de jure condendo*.

**9.** Ir-raba' aggravju ta' l-appellant huwa bazikament fis-sens illi l-ewwel Qorti iddecidiet hazin meta interpretat id-dewmien aktar milli mistenni fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet pubblici bhala xi forma ta' "abbuz ta' dritt" u li allura dak id-dritt ma jkunx qed jigi ezercitat "fil-qies li jmiss" fis-sens ta' l-Artikolu 1030 tal-Kap. 16. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sentenza appellata, u hija tal-ferma konvinzjoni li f'dan il-kaz ma kien hemm ebda interpretazzjoni jew applikazzjoni skorretta ta' l-Artikolu 1030 (sia jekk moqri wahdu u sia jekk moqri fid-dawl ta' l-Artikolu 1032(1)) ghall-kaz konkret. Kull persuna – u ghalhekk anke il-Gvern – li tezercita jedd li jkun lilha jispetta ghandha tezercita dak il-jedd b'mod ragjonevoli u ghalhekk b'mod li, safejn hu possibbli, ma jikkagunax hsara lil terzi. Meta tali jedd ma jigix ezercitat b'mod ragjonevoli u per konsegwenza jikkaguna hsara lil terzi, allura l-ezercizzju ta' dak id-dritt ma jkunx "fil-qies li jmiss", bil-konsegwenza

li min jezercita dak id-dritt b'dak il-mod ikollu jwiegeb ghall-hsara li tigri b'dak l-uzu proprju ghax dak l-uzu jkun iddegenera f'abbuz. Fil-kaz in dizamina il-konvenut hareg mill-gusti limiti meta ppermetta li x-xogholijiet in kwistjoni jiehdu ferm aktar milli kien hemm bzonn u milli kien ragjonevoli, b'mod ghalhekk li huwa ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kagunati minn dak l-istraripament fl-ezercizzju tad-dritt. Din il-Qorti, fuq il-bazi tal-fatti inkontestati kif jemergu mill-atti, taqbel perfettament ma' l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li *"filwaqt li, f'xogholijiet pubblici, wiehed ghandu jistenna li jkun hemm solidarjeta` socjali, meta l-gvern jonqos milli jiehu passi rimedjali meta jkun hemm nies qed isofru pregudizzju akbar milli hu ragjonevolment mehtieg, allura tidhol ir-reponsabbilta` tieghu…Il-Gvern, allura, ma jirrizultax li f'dan il-kaz, wettaq il-jeddijiet tieghu 'fil-qies li jmiss', u lanqas ma wera l-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja u ghal dan in-nuqqas ghandu jwiegeb ghad-danni."*

**10.** L-aggravji li jmiss li jigu kkunsidrati huma kollha bazikament kritika tal-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti. F'dan il-kwadru din il-Qorti ghandha tosserva – kif appena accennat fil-paragrafu precedenti – li kienet is-socjeta` attrici <u>biss</u> li ressqet provi f'din il-kawza ghax il-konvenut, illum appellant, Direttur tat-Toroq f'ebda stadju tal-kawza ma deher, u anqas deher il-legali tieghu. Huwa f'dan is-sens li wiehed jista' jghid li l-provi attrici, ossia l-fatti risultanti minn dawk il-provi, kienu inkontestati.

**11.** Il-hames aggravju huwa bazikament fis-sens illi l-ewwel Qorti zbaljat meta kkunsidrat it-terminu ta' sena (proprjament 52 gimgha) bhala t-terminu massimu li fih kellu jitlesta x-xoghol minghajr ma jkun hemm abbuz kif aktar 'l fuq imfisser. Skond l-appellant it-termini ossia pattijiet tal-kuntratt bejnu u bejn il-kuntrattur kienu *res inter alios acta* u ma setghux jitqiesu bhala "sors ta' drittijiet ghas-socjeta` attrici". Jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti kellha taghmel evalwazzjoni teknika u dettaljata ta' kif ix-xoghol kien qed isir, u li fi kwalunkwe kaz hu ma kellux jinghata tort ghax meta ra li l-kuntrattur ma lestiex fi zmien stipulat ma hax passi biex jittermina l-appalt.

**12.** Dwar dan il-hames aggravju jibda biex jinghad li mhux korrett l-accenn li sar mill-appellant – jinghad li hu semplici “accenn” ghax aggravju fil-veru sens tal-kelma ma hemmx a propositu – li dak li qal il-Perit Renato Laferla dwar it-termini tal-kuntratt kien *detto del detto*. Kemm fid-deposizzjoni tieghu tas-17 ta’ Mejju 2002 (ara in partikolari fol-24) kif ukoll fir-rapport dokument RL2 (fol. 29 *et seq.*) l-imsemmi Perit jaghmilha cara li l-informazzjoni dwar kemm kellu jdum ix-xoghol kienet inghatat lilu b’mod ufficjali bil-miktub mill-Gvern tramite d-Dipartiment tal-Kuntratti fi hdan it-Tezor. Il-Gvern huwa wiehed, kif jista’ facilment jigi dezunt mill-Artikoli 181B u 460 tal-Kap. 12, ghalkemm jista’ jkun rappresentat minn diversi “persuni” skond ic-cirkostanzi. Galadarba l-Gvern huwa l-konvenut appellant f’din il-kawza, ma jistax jinghad li hawn ghandna xi “xiehda fuq kliem haddiehor” fis-sens ta’ l-Artikolu 598 tal-Kap. 12. Kwantu ghall-aggravju proprju, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tas-sitwazzjoni. Ir-“ragjonevolezza” taz-zmien hija kwistjoni ta’ fatt li l-Qorti trid tasal ghaliha wara li tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha. Galadarba ix-xoghol kellu jitlesta f’temp ta’ sena – u ma kien hemm xejn x’jindika li dan bhala fatt (u ghalhekk irrispettivament min-nozzjoni ta’ *res inter alios acta*) ma kienx zmien ragjonevoli – u galadarba dan iz-zmien inqabez konsiderevolment u, per di piu`, dan gara evidentement minhabba n-nuqqas tal-Gvern li jara li l-kuntrattur jibghat nies bizzejjed biex ix-xoghol isir bis-serjeta`, jigi li l-konvenut hareg barra mill-qies fl-ezercizzju tal-jedd tieghu. Id-dritt ghar-rizarciment tad-danni ma jemanax mill-kuntratt bejn il-Gvern u Penza izda mill-fatti kif effettivament sehhew, inkluz il-fatt ta’ dewmien ezagerat. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

**13.** Qed jigi respint ukoll is-sitt aggravju. L-appellant jillanja li *“…fil-provi migjuba mis-socjeta` attrici dwar id-danni huwa* [recte: huma] *mankanti l-elementi essenzjali tac-certezza tad-dannu u tac-certezza tan-ness ta’ kawzalita` bejn ix-xogholijiet li wettaq il-Gvern u l-allegata waqa’ fil-bejgh.”* F’dan ir-rigward din il-Qorti ma tistax tifhem xi prova aktar qed jippretendi l-appellant oltre d-dikjarazzjoni guramentata ta’ Pauline Caruana (fol. 3, ara

specjalment paragrafu 6[10] tieghu), id-deposizzjonijiet taghha tas-17 ta’ Mejju 2002 u tal-14 ta’ Novembru 2002, id-deposizzjoni ta’ Paolo Cora Marino tal-14 ta’ Novembru 2002, kif ukoll u specjalment id-deposizzjoni ta’ Antonello Cappitta (ukoll ta’ l-14 ta’ Novembru 2002) li fil-kors taghha huwa ezibixxa dokument li juri l-bejgh bejn April ta’ l-1999 u Settembru ta’ l-2002. Kif inghad, dawn il-provi ma gew b’ebda mod kontradetti jew kontestati in prim istanza mill-appellant, allura konvenut, u ghalhekk issa ma jistax permezz ta’ semplici supposizzjonijiet jippretendi li jirrovexxja l-konkluzjoni li l-ewwel Qorti waslet ghaliha. L-istess jinghad dwar il-lanjanza l-ohra – maghmula fil-kuntest ta’ dan is-sitt aggravju – li s-socjeta` attrici ma ghamlet xejn biex tipprova timminimizza l-allegati danni billi “toffri xi haga attraenti lill-klienti taghha biex tikkompensa ghall-effett li seta’ kellhom ix-xogholijiet”. Il-problema kienet “l-ambjent” li fih spiccat, intortament, li kellha topera s-socjeta` attrici minhabba d-dewmien tax-xogholijiet u l-konsegwenzi ancillari ghal dan id-dewmien, u din il-Qorti ma tistax tifhem x’tip ta’ *special offers* il-konvenut qed jippretendi li kellha toffri s-socjeta` attrici. L-appellant hawnhekk qieghed semplicement jipprova jiggranfa mat-tentufiet.

**14.** It-tliet aggravji li jmiss jistghu jigu konvenjentement ikkunsidrati flimkien, in kwantu jirrigwardaw il-*quantum* tad-danni. L-aggravju li “inghataw danni illi jmorru oltre d-data tal-prezentata tac-citazzjoni” huwa infondat. It-talbiet kif proposti fic-citazzjoni kienu fir-rigward ta’ danni *da liquidarsi*, b’mod li dawn setghu jigu kwantifikati u konkretizzati biss mas-sentenza tas-16 ta’ Jannar 2003 u a bazi tal-provi kif kienu sa meta nghalaq l-istadju tal-provi (dan inghalaq fit-12 ta’ Dicembru 2002, meta l-kawza thalliet ghas-sentenza). Huwa evidenti mill-premessi tac-citazzjoni kif ukoll mit-talbiet li hawn ma kienx il-kaz ta’ xi att istantanju, izda kaz ta’ sitwazzjoni li bdiet f’certu data u li kienet baqghet tipperdura. Gustament, ghalhekk, l-ewwel Qorti rrizervat id-drittijiet tas-socjeta` attrici fir-rigward ta’ danni ulterjuri ghal wara Dicembru 2002. Il-fatt

[10] “Apparti l-eghluq matul il-jum, minn dakinhar li bdew ix-xogholijiet, in-negozju naqas drastikament filghaxija, ghaliex qajla n-nies tmur f’nofs it-trab, wurdien, grieden u hmieg, biex tiekol.”

li l-ewwel Qorti ma haditx kont "tal-beneficcji illi s-socjeta` attrici se tiehu minhabba x-xogholijiet" huwa wkoll irrelevanti f'dan il-kuntest: ghall-beneficcju li s-socjeta` attrici -- bhall-komunita` in generali -- tista' talvolta tirrikava minn dawn ix-xogholijiet hija, bhal kulhadd, kienet ga qieghda tinvesti permezz tat-taxxi li thallas.

**15.** Kwantu ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici, jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Antonello Cappitta kif ukoll mid-dokument minnu ezibit a fol. 33 (Dok. AC1) li matul is-sena 2000 is-socjeta` attrici kellha medja ta' bejgh ta' Lm4,000 fix-xahar. Bejn meta beda x-xoghol f'April 2001 sa Marzu 2002 din il-medja kienet nizlet ghal ftit anqas minn Lm1,200 fix-xahar – telf ta' medja ta' Lm2,800 fix-xahar. Ghax-xhur bejn April u Ottubru 2002 din il-medja regghet nizlet ghal Lm553 fix-xahar. Peress li, kif irriteniet l-ewwel Qorti, wiehed kellu jwarrab l-ewwel sena (cioe` minn April 2001 meta beda x-xoghol sa sena wara, peress li dan kien zmien ritenut ragjinevoli sabiex fih jigi kompletat ix-xoghol), id-danni kellhom jigu kalkolati ghax-xhur minn April 2002 sa Dicembru 2002. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, l-ammont likwidat ta' Lm20,000 kien gust u korrett.

**Decizjoni**

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell tad-Direttur tat-Toroq u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------